# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Jane Ellul

Illum 17 ta Marzu, 2025

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Jane Ellul bint Carmelo u Angela nee` Mallia imwielda fl-17/03/1973 u joqghod 2, Oleander, Triq il-Barumbara, Mqabba. ID 180573M

Billi int akkuzat talli fit-21 ta' April, 2023 ghall-habta ta' 15.20 hrs fi Triq Lapsi, Siggiewi soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni IBP613;

1. B`manjiera traskurata, Kap 65 Art 15 (1) (a) (2)

2. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolmenti, tat-traffiku nvolontarjament ikkagunajt offizi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta' GeorgeCatania skond kif gie iccertifika Dr. Paula Malek MD mil-MDH. Kap 65 Art 226 (1) (c)

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu226(1)(c) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a)(2) kap 65 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda tal-imputata.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

PC 1071 J Bajada xehdet permezz ta` affidavid

**George Catania, ID:217987M,xehed :**

Avu: Mela George dana kien hemm inċident stradali tajjeb u inti kont involut fih tista' tispjega lill-Qorti kif ġara dan l-inċident fejn ġara meta ġara u fi x`ħin ġara?

Xhud: Mela dan kien nhar il-Gimgħa 21 ta' April 2023 għall-ħabta tat-tlieta ta' waranofsinhar jien kont għaddej mill-limiti tas-Siġġiewi tiġi triq Lapsi.

Avu: Għidilna it-triq fejn hi?

Xhud: Triq it-triq tiġi li mis-Siġġiewi tieħdok għal Għar Lapsi u għal wied iż-żurrieq. Sewwa. Issa fi x'ħin jiena qbiżt il-Mitjar l-antik tal-Qrendi fejn kien runway fil-karreġġjata

tiegħi insib karozza ġejja opposta ġiet ġo fijja naf li bid-daqqa rajt ħafna qisu duħħan jien ġol-vann bl-airbags. Imbagħad x' ħin qisni kkalmajt hekk id-dgħadija ħarist barra u rajt karozza ġo ħajt. Mingħalija Mazda Demio kienet u rajt il-bieba tinfetaħ u rajt wahda mara ħierġa.

Avu: Ħa nwaqqfek ftit hemm George inti l-vann sewwa tiegħek x' inhu u x' numru għandu jekk jogħġbok?

Xhud: Il-vann huwa Isuzu Dimax u n-numru ta' reġistrazzjoni huwa LDG 673.

Avu: Biex niftiehmu ftit hemmx mhux midħla ta' l-akwata triq Lapsi qiegħed tgħid sewwa hemm xi ħaġa xi landmark li nafuha biex wieħed jipprova jifhem fejn?

Xhud: It-triq Lapsi hemm il-kappella tal-providenza hemm hemm ħafna affarijiet dik it-triq imma imma fejn sar l-inċident hemm fejn jispiċċa ir-runway l-antik tal-Qrendi.

Avu; Orrajt hemmekk sar l-inċident?

Xhud: Ezatt.

Avu: Sewwa mela hu qatt ilna illi rajt karozza maħbuta mal-ħajt jista' jkun Demio u mbagħad infetaħ u ħarġet mara dil-mara taf min hi?

Xhud: Iva dik hi hemmekk Jane Ellul.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputata Jane Ellul.

Xhud: Jien umbaghad ppruvajt inneħħi s-seat belt sibtha llokkjata ħabba daqqa li kelli irnexxieli ineħħi il-bokkla ħriġt dak il-ħin lanqas naf x' ġara dan jiġifieri naf li kont għadni bid-daghdigha sewwa imbagħad mort inkellem lis-sinjura għedtilha ma rajtnix vann bħal dan abjad fuq it-tarmak iswed qaltli ma rajtekx mbagħad ċempilt lil marti biex navżaħħa x'ġara u ċempilt il-Lesa. U Lesa mil-ewwel farfru fi xħin għedtilhom li għandna karozza maħbuta ġo ħajt qaluli trid iċċempel lill-pulizija. Ċempilt l-Għassa tas-siġġiewi sibtha magħluqa mbagħad ċemplet l-Għassa ta' ħal-Qormi u qaluli li reġgħu qaluli ghall-Lesa irrid inċempel.

Avu; George ejja mmorru ftit lura għax issa x' ġara il quddiem nafu inti miexi fit-triq qed isuq fi triq dil l-vettura ghax inti għedtilna ġiet quddiemek spjegalna x'jiġifieri ġiet quddiemek?

Xhud: Jiena kont sejjer lejn Wied iż-Zurrieq.

Qorti: Din xi side road biex nifthemu jew xi haga hekk kieent diehla go xi side road?

Xhud: Din kienet dieħla għall ġor-runway l-antik imma kienet dieħla wrongway ġo fih għax jien kont diġà qbizt nofsu.

Avu; Inti iccaqlaqt minn fuq lanek?

Xhud: Le le le jiena aqqas qlajt sieqi minn fuq il-gass u l-brake biex nieqaf aqqas tatni ċans kemm forsi ksirt nara il-ġewwa mma l-impatt kien diġà.

Avu: Biex nifhmu aħjar għandek ritratti ta' dan l-inċident?

Xhud: Iva ghandi ritratti meħudin minn angoli differenti għax mal-impatt il-magna tal-karozza li ħabtet ġol-vann infaqat u hemm iż-żejt mal-art u jidher li fejn sar l-impatt hi kienet dieħla wrongway, hemmhekk hemm erba' entraturi.

Qorti: Mela int fejn qed tgħid li kienet dieħla jidher fir-ritratt?

Xhud: Hi mad-daqqa li ħadet fil-vann daret u marret in-naħa l-oħra tat-triq.

Qorti: Iva imma lejn fejn kienet sejra bħala direzzjoni jidher fir-ritratt qed issemmi dan run ways jidhru?

Xhud: Li hemm iz-żejt mal-art x'ħin faqqgħet il-magna tal-karozza fejn seħħ l-impatt. Kieku ma kinetx dieħla f'dik ir-runway ma kinitx se taħbat ġo fija.

Qorti: Jien mhux hekk qed insaqsik trid tghidli fuq ir-ritratt fejn huma jiena naf fejn huma?

Xhud: Din hija r-runway kollha id-daħla tagħha faċċata kollha raba` fejn fejn ħabtet is-sinjura hawnhekk m' hawnx triq oħra.

Qorti: Jiġifieri hu kien kien qed tgħid li jekk kienet dieħla ghall-hemm gew dik it-triq, triq mhux propju triq le?

Xhud: Ir-runway l-antika dik sur Maġistrat, issa zejt ha nimmarkalek fuq ir-ritratt fejn seħħ l-impatt fuq fuq l-ieħor għandna ukoll.

Avu: Ok issa hemm imbagħad konsegwenza ta' dan l-inċident għedtilna ġew il-pulizija jew le li ġiet ambulanza le spjegalna?

Xhud: Issa sakemm ġiet il-mara tiegħi u l-pulizija inzerta kien għaddej raġel li jaf lil dawn in-nies għax dawn kellmuh b`kunfidenza u dan naħseb kien jaħdem mal-protezzjoni ċivili milli stajt nifhem jiena dak il-ħin għax jien dak il-ħin bdejt nistejqer mil-qatha u dan qabad miskin u ċempel għal 2 ambulanzi u dar fuqi u qalli mur l-isptar ħalli mhux imbilli qieghed fuq saqajh kelli mmur l-isptar.

Avu: Issa sinjur inti mort l-isptar eventwalment?

Xhud: Le jien mort il-poliklinika tal-Mosta.

Avu: Issa hemmhekk jirrilaxxawlek ċertifikat?

Xhud: Suppost ijja mela.

Avu: Sinjura gol-process hemm ic-certifikat kemm jaghrfu jekk jogħġbok. Mela il-page ta' wara dak id-dokument dak x'inhu?

Xhud: Dan huwa għamluli X-Ray u dak il-ħin. Forsi raw xi ħaġa xi tbajja, qalulna ok imma qalulna suppost mortu l-isptar mill-ewwel kien sar il-ħin aħna għandna tliet itfal żgħar iridu jmorru għalihom għand il-mama tiegħi. Dawn kienu xi t-tmienja ta' filgħaxija, jiġifieri kien sar il-ħin biex nieklu jiġifieri mbagħad l-għada filgħodu kont muġugħ.

Avu: Kemm domt tbati b'dan l-uġigħ?

Xhud: Għamilt ġimgħa żgur.

Avu; Sewwa wisq issa il-vann li kont qed issuq nibdew minn hemm inti nx`veloċità kont għaddej?

Xhud: Jien ngħid lanqas kont għaddej 45, 50 għax kont lest mix-xogħol u kont sejjer nipprattika ngħaqad delizzju tiegħi Hal-Far jiġifieri mgħaġġla ma kellix.

Avu; X`Delizzju għandek?

Xhud: Tal-isparar fuq il-plattini.

Avu: Illum il-gurnata kif thossok?

Xhud: Jiena kont nahdem fil-gebel ghar-rasi kelli lavrant mieghi tas-sena ukoll kelli nieqaf u illum il-gurnata kelli nixtri makkinarju żgħir. Qed naħdem waħdi għamilt 10 xhur ma nistax imur għax-xogħol.

Avu: Rigwardanti rigwardanti l-ħsarat li ġarrabt fil-vann x'sar u x'ġara fhemna gejt ikkonpensat ijja le?

Xhud: Ġejt ikkompensat imma mhux li ħaqqni, mill-insurance.

Avu: M`ghandix iktar domandi sinjura.

Avu2: Kontro Ezami Jekk jogħġbok sinjur mela spjega naqra inti kont qed isuq u ghedt kont qed issuq veloċità ta' 45, 50 jekk fhimtek sewwa x'inhuma mili jew kilometri?

Xhud: Kilometri.

Avu2: Ihemmhekk it-triq kemm il-karreġġjata fiha għal direzzjoni li kont qed issuq inti?

Xhud: Wahda.

Avu2: In-naħa l-oħra tat-triq li kienet qed issuq Jane Ellul kemm il-karreġġjata fiha?

Xhud: L-istess wahda.

Avu2: issa inti spjegajt illi Jane Ellul daħlet fuq il-karreġġjata tiegħek jekk fhimtek sew?

Xhud: Ezatt.

Avu2: Il-point of the impact biex nifhem sewwa fejn kien fuq il-karreġġjata tiegħek jew fuq tagħha?

Xhud: Fuq il-karreġġjata tiegħi.

Avu2: Issa nghid sew illi hemmhekk fejn seħħ l-inċident hemm triq illi jekk fhimtek sew inti semmejt hija l-runway tal-Airport l-antika?

Xhud: Ezatt.

Avu2: Issa ngħid sew illi wieħed jagħraf li f'dik it-triq li kontu qegħdin issuqu intom hemm linja kontigwa, jiġifieri straight line mal-art?

Xhud: Iwa.

Avu2: Nghid sew illi fejn seħħ l-inċident, il-linja kontigwa tieqaf u hija maqtugħa?

Xhud: Le.

Avu2: Ha nurik ir-ritratt li esebejt inti ir-ritratti jekk ikollok jogħġbok ma niftakarx kemm kien hawn qed nagħmel referenza għal ritratt GC2 ara naqra GC2 jekk naqblux li l-linja kontinwa fil-verità tieqaf?

Xhud: Fejn seħħ l-impatt GC2 xorta hi hawnhekk hawnhekk għal min joħroġ qiegħed hawnhekk għal min joħroġ mhux għal min jidħol avukat hawnhekk 1 and 2 toħroġ u 1 and 2 tidħol dik it-triq wiesgħa ħafna. It-triq 60 pied hija wiesgha.

Avu2: Issa allura ngħid sew illi wieħed hemmhekk jista' jikser mit-triq tal-karreġġjata fejn kienet qiegħda ssuq Jane Ellul għal ġo triq San Niklaw?

Xhud: U zgur li tista' tikser.

Avu2: Inti it-triq li kont ġej minnha inti sal-point of impact kemm hija twila bejn wieħed u ieħor li tikkalkula inti m' hemmx għalfejn inkunu?

Xhud: Jiena kont diġà jiena kont diġà biss nofs triq San Niklaw fi x'ħin seħħ l-impatt.

Avu2: Le le mhux dik id-domanda. Domanda tiegħi hija nti kont qed issuq fi triq Lapsi, issa kemm il-metru tikkonsidra li

soqt fi triq Lapsi kemm hi d-distanza minn mill-bidu ta' triq Lapsi għal point of impact fejn hbattu?

Xhud: Ma nafx għax dik it-triq isserrep ħafna m'għandix idea.

Avu2: Mill-posizzjoni dritta tat-triq?

Xhud: Mill-pożizzjoni dritta xejn għax minn fejn kienet ġejja Mary Jane Ellul ġejja ghamja it-triq ddur. U jiena sibtha ġo wiċċi qed ngħidlek qas tatni ċans naqla sieqi minn fuq il-pedala tal-gass u nitfagħha fuq tal-brejk biex nieqaf. Hi waqqfitni bid-daqqa li tatni.

Avu2: Spjegali naqra l-manuvra ta' Jane Ellul kemm kienet nibdew minn hekk kemm kienet qed issuq bħala veloċità?

Xhud: Sibtha go wiċċi.

Avu2: Hi kienet qed issuq veloċità qawwija jew?

Qorti: Hu qallek qabdet u dirett quddiemi u tant kienet fl-aħħar sekondi li jiena aqqas stajt nitfa sieqi fuq il-brejk.

Avu2: Il-Jane Ellul inti rajtha ġejja jew sibtha mal-mal-impatt?

Xhud: Le Le sibtha ġo wiċċi.

Avu2: Inti tista tgħid jekk fil-verità kienet waqfet biex tikser?

Xhud: Le le le żgur ma waqfitx biex tikser kieku waqfet ma daħletx ġo fija. Kieku waqfet ma daħlux ġo fija.

Avu2: Inti għedtli li ma rajthiex sibtha mad-daqqa?

Xhud: Rajtha ezatt kisret mit-triq.

Qorti: Rajtha ddur jiġifieri issuq il-karozza kienet tinsaq meta rajtha?

Xhud: Le le le tinstaq kienet.

Avu2: Daqsekk grazzi.

**<u>Jane Ellul, ID:180573M xehdet :</u>**

Avu: Jekk jogħġbok sinjura mela spjega nara li l-Qorti inti mil-liema direzzjoni kont qed issuq l-fejn kont sejra?

Xhud: Mela jien kont jien naħdem id-Dar tal-Providenza kont tiela' minn triq Lapsi għal triq il-Mitjar ta' San Niklaw.

Avu: Tajjeb Meta biex tasal għal triq il-Mitjar ta' San Niklaw minn triq Lapsi, spjega ftit wieħed jekk l-ewwel nett hija triq twila it-triq biex jiddeskrivi lill-Qorti kif wieħed jasal għaliha?

Xhud: Minn Providenza s' hemmhekk mhix daqshekk twila.

Avu: Mela jekk jogħġbok spjega lill-Qorti meta tkun ġejja minn triq Lapsi biex tikser biex issuq lejn triq San Niklaw xi trid tagħmel?

Xhud: Tieqaf tara jekk hux gejjin karozzi u tikser.

Avu: Issa inti nibdew għandek ritratti tat-triq in kwistjoni?

Xhud: Iva ghandi 5.

Avu: Mela immarkhom JE 1 sa JE5. Mela spjega naqra l-ewwel ritratt JE1 inti minn liema direzzjoni kont ġejja?

Xhud: Mela kont ġejja minn triq Lapsi.

Avu: Ghar Lapsi, f`liema parti qiegħda ta' fuq ir-ritratt jew taħt ir-ritratt?

Xhud: In-naħa iktar lejn Lapsi.

Avu: Jiġifieri lejk jew iktar il bogħod, jiġifieri fejn it-tarf tat-triq tindika d-direzzjoni ta' triq Lapsi l-fuq jew in-naħa ta` triq Lapsi fejn hemm id-Dar tal-Providenza?

Xhud: Iktar il-fuq lejn il-Providenza.

Avu: Allura inti fejn kont ħa tikser minn dak ir-ritratt?

Xhud: Triw il-Mitjar, ta' San Niklaw.

Avu: U fejn qiegħed indikat fir-ritratt?

Xhud: Hawnhekk.

Avu: X`hemm fir-ritratt li jindika li dik hija it-triq fejn inti kont ha tikser?

Xhud: Is-central strip.

Avu: Orrajt jew ħalli tkun iktar viżiva immarkah u ghaddieh il-Qorti.

Avu: Issa meta inti spjega li l-Qorti il-manuvra is-sewqan tiegħek fiex kien jikkonsisti nibdew inti kemm kont qed issuq?

Xhud: 25 kilometres.

Avu: Issa meta gejt biex tikser ghall-triq San Niklaw spjega li l-Qorti x' manuvra għamilt?

Xhud: Waqaft ma rajtux lil George Catania jiena li kien qiegħed.

Avu: Mela spjega li inti bil-karozza mhux lil George Catania inti bil-karozza tiegħek spjega lill-Qorti kif kont qed issuq?

Xhud: Kont ghaddejja 25 kilometers per hour.

Qorti: Fejn taf li kont għaddejja bi 25?

Xhud: Għaliex jiena inħobb inħares lejn il-ispidomiter.

Avu: Issa x'ghamilt imbagħad?

Xhud: Xeghelt l-indicator ma rajtux lil George Catania u dort ghall-triq San Niklaw.

Avu: Il-habta spjegalna meta saret x'kienet il-konsegwenza inti x' ġaralek?

Xhud: Mela l-ħabta saret għall-ħabta tat- 3.00/3.05. fil-21 t' April 2023.

Avu: Issa meta ġrat il-ħabta inti x' ġara bil-karozza tiegħek inti fil-karozza x' ġara

Xhud: Jiena ilqatt il-vettura l-oħra fuq in-naħa u fuq in-naħa tax-xufier u jiena jiġi fuq in-naħa tal-passiggier.

Qorti: Hemmekk x`inhu speed dik it-triq minghalija 80.

Avu: Ma nafx sinjura, issa spjega lil Qorti mela xeghelt l-indikatur rajt li mhu ġej ħadd imbagħad x' ġara ħbbattu, issa ma fuq liema naħa kien il-point of impatt tal-vettura tiegħek?

Xhud: Mela jiena kien fuq in-naħa tax-xellug.

Qorti: Fuq liema naha tat-triq sinjura qsamt nofs tat-triq jew le?

Xhud: Iva.

Avu: Issa u fuq liema naħa kienet?

Xhud: Fuq in-naħa tax-xellug, u ta` Catania tal-lemin.

Avu: Bil-konsegwenza tal-impatt inti l-karozza tiegħek x' ġara?

Xhud: Jiena dort ninety degrees u bqajt dieħla ġol-ħajt.

Avu: Konsegwenza ta' dan l-inċident inti sofrejt xi ġrieħi spjega lill-Qorti x'kellek x'kont qed tħoss f'liema parti tal-persuna tiegħek?

Xhud: Imtlejt kollni tbenġil għaliex x`ħin infetaħ l-airbag weġġagħli chest is-seat belt saqqajja x`hin mort il-polyclinic u dawn tbenġil kelli mmur bagħtuni Mater Dei

ghahll-ECG u ghall-X-Rays u rriżulta li kelli ksur f'subgħajja għaliex bil-gear bid-daqqali hadt.

Avu: Inti fejn tahdem?

Xhud: Id-Dar tal-Providenza, kont gejja minn hemmekk.

Avu: Xejn aktar.

Avu2: Kontro Ezami, il-klijent tieghi smajtu jixhed bħalma xehedt inti tajjeb mela inti kont se ddur għal-Mitjar u ghedt illi ma rajtux aħna mhux qed ngħidu għandek, accidents jiġru, issa minn dan l-inċident kien hemm claims għal-insurance?

Xhud: Iva mela.

Avu2: U l-insurance fejn marret fid-decizzjoni taghha?

Xhud: Jiena skrappjawli il-karozza.

Avu2: U lis-sinjur?

Xhud: Is-sinjur jiena sa fejn naf jien irranġawlu.

Avu2: Mela inti ħriġt mid-Dar tal-Providenza jista' jkun illi ma rajtux ġej u qsamtlu dhalt fuq in-naha tieghu?

Xhud: Qsamtlu zgur ma rajtux ghax kieku rajtu ma nahsibx li kont.

Avu2: Hu Pick Up m`ghandix iktar domandi sinjura.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata write nuqqas ta` *proper lookout* u sewqan traskurat meta marret fuq il-karreggjata opposta meta ma haditx il-prekawzjonijet sabiex taghmel dan . Bhekk jirrizultaw kemm l-ewwel (1) kif ukoll it-tieni(2) imputazzjoni fil-konfront taghha .

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226(1)(c) tal-Kap 9 Art 15(1)(a)(2) kap 65 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Jane Ellul hatja tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront taghha u tikkundannha komplessivament ghal multa ta'elf u mitejn euro (1200) tletin (30) gurnata skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan u ghaxar (10 )punti mill-licenzji taghha tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**